***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 42**

**L-Erbgħa 19 t'Ottubru 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixrid tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**Mario Calleja- Sindku  Janice Falzon-Viċi Sindku Kunsilliera- John B Camilleri, Charlot Mifsud, Patrick Camilleri, Mary Rose Mifsud, Ryan Portelli, John Schembri, Errol Cutajar**

**42.1** ***Qari t'aploġija:***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien hemm ittra t'apoloġija tal-Kunsillier Is-Sinjorina Mary Rose Mifsud

**42.2.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 41 li saret Nhar it-Tnejn 19 ta' Settembru 2022:***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi paġna 2 artiklu 41.2.4 għandha tinbidel u tinqara kif ġej:

''Is-Sindku tkellem fuq paġna 3 paragrafu 40.2.7 fejn għamel referenza għall-fondi li rbaħna mir-Reġjun li fejn ntqal li ser jintużaw għat-tizjin tat-toroq. Filfatt kien zbaljat għal il-fondi huma speċifikament għa-dwal tat-toroq allura ma jistgħux jintuzaw għal affarijiet oħra. Huwa kompla jgħid li l-banda ddoqq u titħallas mill-fondi mirbuħa għal Christmas Village.''

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**42.2.2** ***Matters Arising tal-laqgħa 39 li saret Nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2022.***

**42.2.2.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 41.2.2.1 u qal illi min naħa tal-Kunsill saru t-tabelli kif ukoll ġie iffirmat il-kuntratt minn tiegħi u tas-Segretarju u bħalissa qed nistennew li jiffirmawh min naħa tal-iskola la darba dan isir inkunu nistgħu nwaħħlu t-tabelli fil-parkeġġ u jkun jistgħa jinfetaħ għal pubbliku.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi la darba jiffirmawh tajjeb li jkun infurmat ħalli jinforma minnufiħ lill bank għaliex b'hekk tkun tista tiġi iffinalizata l-garanzija bankinarja.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li noħorġu stqarrija fuq il-medja soċjali sabiex nindikaw ir-regoli li jridu jiġu segwiti fil-parkeġġ.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri staqsa kif ser nikkontrollaw kemm ħirġien u deħlin vetturi.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma hemmx mod mekkaniku ta' kif tiġi ikkontrollata izda din taħdem fuq bazi ta'first come first served.
Kien hemm qbil li la darba jiġi iffirmat il-kuntratt ninfurmaw lill pubbliku fuq il-midja soċjali fuq meta ser jinbeda s-servizz u x'inhuma r-regoli.

**42.2.2.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 41.2.2.4 u qal illi hu flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kellhom laqgħa tax-xahar mal-President u s-Segretarju tar-Reġjun u talbu illi għal din is-sena il-Kunsill jingħata €3000 f'fondi minflok €1500 bħal Kunsilli l-oħra sabiex isir it-tizjin tal-Milied fit-toroq minħabba li din is-sena l-Wasteserv mhumiex ser jgħatu l-għajnuna tagħhom aktar peress li l-impjant sejjer il-Magħtab. Kif nafu il-Kunsill prezentament jinsab f'mumenti ftit diffiċli fejn jidħlu finanzi peress li għandna ħafna flus barra. Il-ħdax il-Kunsill fi ħdac ir-Reġjun ma sabux oġġezzjoni għal dan allura l-Kunsill tagħna ser jingħata €3000 flok €1500.

**42.2.2.3** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 41.2.2.9 qal illi fl-aħħar laqgħa kien ġie diskuss il-fatt li m'aħniex sodisfatti bis-servizz tal-kenniesa u tlabna biex il-contracts manager jagħmel rapport ta' kuljum, hu qal illi min naħa tal-Contracts Manager qed jagħmel l-almu kollu tiegħu u qed isus wara l-ħaddiema imur fuq il-post jieħu ritratti kif ukoll jirraporta fuq ix-xogħol.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ma sar xejn fuq il-pots ta' quddiem Grabiel u għad hemm pjanti nixfin u xorta ma sar xejn.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet jekk nistgħux inġibu xi siġar taz-zebbuġ biex jitħawwlu fi Triq ix-Xatt.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jaħseb li t-tamarisk huwa aħjar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi nistgħu ngħamluhom ġo pots pero irridu naraw l-għoli.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi s-siġar taz-zebbuġ jikber il fuq min metru u jekk jgħamel ir-riħ jaħkimom għalhekk ma jħossx li huma adattati għal Triq ix-Xatt bħal ma kien ġara f'tas-Sliema u kellhom jgħamlu tamarisk.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal importanti li naraw min ser jieħu ħsiebhom.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb nibgħatu lill Ambjent Malta u nuru interess li ngħamlu siġar indiġeni umbgħad jgħidulna huma x'inhu l-aħjar li jsir.

Kien hemm qbil unanimu.

- ***Dr Errol Cutajar daħal għal laqgħa fis-18:18***

**42.2.2.4** Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu staqsa lill kuntrattur tal-ġonna pubbliċi sabiex itih l-informazzjoni dwar min hu l-ġardinar u ma ingħatax risposta lura , hu qal illi jekk f'din il-laqgħa jkun hemm qbil nistgħu naqtgħu 5% mill-pagament ta' dan ix-xahar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi la għadu ma tax l-informazzjoni fi zmien stipulat irridu naraw x'ser jgħamel għaliex flok ħaxix qed jitla ħurrieq u li naqtgħu 5% mhuwiex bizzejjed.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk isib soluzzjoni ta x'jista jsir tajjeb li jinforma l-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi għandna ngħidulu illi jekk ma jtinix l-informazzjoni sa zmien stipulat ser inkunu qed nitterminawlu l-kuntratt.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu għandna ntuh ċans ġimgħa biex jibatilna l-program tax-xogħol ta xahar sħiħ, kif qiegħed jgħamel biex ilaħħaq il-ġonna kollha kemm bħala tindif tħawwil ta pjanti u *watering programme* u min hu l-ġardinar.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi mall-ġardinar li kellna kien jiltaqa miegħu u jinfurmah fuq ix-xogħolijiet li jkun għamel u x'inhu pjanat li jsir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ġnien Antoine Randich kolllu ħaxix ħazin.

Is-Sgretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi apparti l-fatt li m'għandux id-dettalji tal-ġardinar fil-kuntratt hemm stipulat illi 60% tas-*surface area* tal-ġonna kollha mħawwla bil-fjuri. Hu qal illi jekk ma jtinix risposta ser nerġgħu noħorġu default notice.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa x'jirrikjedi biex jaqa l-Kuntratt.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan jirrikjedi sensiela ta' default notices li mhuwiex ċert kemm hu bħala ammont.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hemm triq oħra jekk ikollna nitterminaw l-kuntratt u dan mhuwiex li noħorġu tender oħra izda li jinarġu zewġ sejħiet għal zewġ part timers fuq skala 16 fejn il-Kunsill ikun qed jissuplixxi il-materjal kollu inkluz il-fjuri eċċ u jħallas zewġ ġardinara fuq bazi part time u l-Kunsill ikun xorta qed jiffranka ħafna flus bħalissa qed inħallsu cirka €4000 għas-servizz ta' ġardinar u €7000 f'servizz tal-kenniesa.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jekk l-Kunsill m'għandux ġardinar l-€4,000 ta xhiex qed inħallsuhom?

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu għandha tinħareġ default notice fuq kull ħaġa li qed jonqos fiha għaliex jaħseb li staportejna bizzejjed u ma jixtieqx li ngħamlu sena oħra f'din is-sitwazzjoni. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi anke bħala tisqija xejn mhu jsir.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa jekk niterminaw dan il-kuntratt hu jista jzommna milli nerġgħa noħorġu kuntratt għaliex fil frattemp il-Kunsill ma jkollu l-ebda kuntrattur.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi f'dak il-kaz inmorru għas-second bidder u mhux noħorġu kuntratt mill-ġdid.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk ikollna noħorġu kuntratt ġdid ijwa jista jwaqqafna.

Dr Errol Cutajar qal illi l-knis, t-tindif u t-telqa fil-lokal huma l-aktar punt illi r-residenti igergru dwarhom għalhekk tajjeb li nibdew il proċess biex nitterminaw dan il-kuntratt anke jekk idaħħalna l-Qorti basta nkunu nistgħu naħdmu b'kuntrattur ieħor.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-problema li hemm illi fil kaz tal-kuntratt tal-knis u tindif hemm is-second bidder li huwa compliant u jekk hu interessat jista jkompli hu pero rigward il-ġardinar ma hemmx second bidder li huwa compliant.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi ma jafx għaliex il-Kunsill qed iħallas spiza ta' ġardinar meta hu qatt ma ra jew kellem ġardinar min mindu inbiddel dak li kellna qabel.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak il-ġardinar ġie replaced b'ġardinar ieħor li illum ez mar jaqta s-siġar ta' Pjazza Mifsud Bonniċi

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi l-ġardinar li kellna kellu komunikazzjoni miegħu dan ma kellmu qatt.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi irridu nsibu triq il-quddiem u għandna nieħdu parir m'għand avukat kif nistgħu nimxu l-quddiem.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irridu nibdew bid-default notices.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb ukoll ninfurmaw lill kuntrattur x'kien diskuss f'din il laqgħa u ngħidulu li dan hu l-aħħar ċans.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma jaħsibx li hu kaz li noqgħodu ntuh aktar ċans izda ser jibda jibgħat id-default notices.

Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għada suppost kellu jġib anke l-fjuri. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk ngħatu 5 default notices ta xahar dan ser jonqoslu 5% jew 25%?

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jrid jiċċekja mall-proċeduri ġodda kif ezatt tinħadem.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fuq programm tax xoghol tal kenniesa ghamilniulhom aħna u konna għedna lil contracts manager biex jiltaqa magħhom fis-7:00am pero li beda jiġri imbgħad li jibdew xogħol qabel u b'hekk ma jkunx hemm ċans li jiġu jiltaqgħu magħhom.

Kien hemm qbil unanimu illi jintbgħatu *default notices* u nieħdu parir fuq kemm hemm bzonn ta *default notices* biex jittermina l-kuntratt u la darba jittermina l-kuntratt x'inhi l-way forward.

**42.2.2.5** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 3 artiklu 412.2.11 u qal illi dawn il-fondi li l-Kunsill kien qed jistenna min naħa tal-Wasteserv kienu diġa daħlu mall-kont tal-iskart organiku u ma kienx spjegat sewwa u b'hekk bi zvista ma ndunajniex pero jikkonferma li dawn il-flus ġew mgħoddija lill Kunsill.

**42.2.2.6** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 41.3.5 rigward l-ismart playing field. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill illi saret laqgħa mar-Reġjun Nofsinhar u nfurmawna illi 15% tal-proġett irid ikun imħallas mill-Kunsill filwaqt li l-kumplament jinħarġu min naħa tagħhom, hu qal illi spjegalhom illi l-Kunsill mhuwiex f'pozizzjoni li jgħamel ċertu proġett bħalissa apparti ħafna fatturi oħra fil-proġett li ma jidhrux li huma daqshekk ċari ittieħdet deċizzjoni li l-Kunsill ma jipparteċipax f'din l-iskema.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tkellimna fuq *equipment* ta San Tumas u staqsa jekk l-equipment li għandna hux ser isirlu *maintenance*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi ħafna minnu għandu bzonn biss manutenzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dawn kienu fondi tal-LESA li kienu lesti li jtuna sal massimu ta' €40,000 hu qal illi meta ħadna stima ta' kemm jiswina biex jibidel il-gym equipment illi jiċċaqlaq l-ispiza kienet telat għal €100 000 fejn min dawn il-flus il-Kunsill kellu joħroġ €50,000 min naħa tiegħu għalhekk kienet ittieħdet deċizjoni li dan il-proġett inċeknuh u min 4 areas isir wieħed biss li hija l-area ta taħt il-latrina , l-Perit reġgħet għamlet stima ġdida għal equipment li ma jiċaqlaqx biex b'hekk tevita li din l-istruttura issirilha l-ħsara mekanika minħabba l-elementi tal-baħar.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi importanti li noqgħodu attenti li b'li ħa ngħamlu ma nċaħdux lin nies milli juzawhom, għaliex hi tara ħafna anzjani juzawhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu qed jgħid li ċertu apparat m'għandux għalfejn jintrema izda issirlu manutenzjoni.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi anda laqgħa ma' nies esperti f'dan il qasam u dawn jaraw ezatt x'ikun hemm bzonn għal area u jistgħu jtuna parir x'jinbidel u x'inhu adattat għal komunita tagħna u nistgħu niltaqgħu magħhom u ħadmu ma diversi Kunsilli.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Perit kelmet diġa lill Malta Standards Authority għal ispesifikazzjonijiet tal-apparat.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-fondi tal-Lesa li aħna irbaħna ser tagħlaq f'Diċembru li ġej.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hemm ċertu struttura li tista tittranġa fuq il-post.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din diġa ġiet diskussa u apparovata mill-Kunsill u jekk ma titwettaqx sa Diċembru ser jitilfu l fondi, wasalna biex noħorġu t-tender u ser jinħareġ il-ġimgħa d-dieħla jekk ix-xewqa hi li l-playingfield equipment li hemm nirranġawh nistgħu nagħmlu dan pero f'din l-area ser jitpoġġew strutturi oħra flimkien ma rubber matting ġdid li hu għal i*standard* tal-*equipment* il-ġdid li ser jiġi installat. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-apparat li hemm ma jgħaddix mill -istandards lanqas pero l-quddiem nistgħu nutilizawhom il-bod mill-baħar.

**42.2.2.7** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 5 punt 41.3.6 qal illi l-Kunsill qiegħed fi problema finanzjarja minħabba li għandu ċertu finanzi li qegħdin barra u għalkemm dawn kif jidħlu ser jgħinu l-Kunsill jitlaq fuq saqajh ma jfissirx li nistgħu nmexxu kif konna qabel izda irridu xorta waħd noqgħodu attenti. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi min naħa tiegħu hu ikkomunika ma' l-Onor Ministru Stefan Zrinzo li l-fondi tal-izvilupp issa huma responsabilita tiegħu sabiex jgħinu sabiex il-fondi tad-DPF ikunu jistgħu jidħlu kemm jista jkun malajr. Huwa kompla jispjega illi qed nistennew li ndaħħlu l-flus min naħa tal-klinika, qed nistennew il-fondi tal-funtana ukoll u dan qed jgħidu biex juri li min naħa tiegħu l-Kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu u informaw ukoll lill entitajiet li għal din is-sena il-Kunsill mhux fil-pozizzjoni li jgħatu donazzjonijiet anke jekk kontra qalbna. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke rigward is-safar dan ser jieqaf kollu u min jixtieq isifer jista jagħmel dan pero jħallas hu u anke l-ikla tal-Milied mhux ser titħallas min naħa tal-Kunsill izda min għandu pjaċir li jattendi irid iħallas hu. Dan zgur mhux qed isir b'kapriċċ.

**42.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 2 artiklu 41.2.2.5 u xtaq ikun jaf x'sar fuq l-iscooters.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech infurmah illi l-Kunsill bagħat email lis-Sur Michael Cohen u nfurmawna li qegħdin fi proċess li jsiru parking bays apposta għal dawn l-iscooters pero jrid jara ezatt biex ikunu strettament legali jekk għandhomx isiru min naħa tal-Kunsill jew TM u f'kaz li jsiru mill-Kunsill iridu ituna indikazzjoni fejn jistgħu isiru.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi inutli ser isiru dawn il-parkeġġi jekk finalment ma jintuzawx u dan għaliex l-iskop tal-iscooter hu li jwaslet quddiem il-bieb allura l-individwu mhux ser imur jitfa dan l-iscooter il-bod mid-dar u jekk dan iseħħ min ser ikun responsabli li jara li dawn l-iscooters qed jiġu parkeġġati.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri staqsa jekk jistgħux jipparkaw fil-kantunieri għaliex l-iscooter mhux ser ikun qed jostakola.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi la darba hemm id-double yellow line ma jaħsibx li ser jippermettu li jitfgħu scooter.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi staqsa lil TM diġa dwar dan pero ma tawhx risposta.

Kien hemm qbil li niċċarawha ma TM.

**42.2.2.9** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 4 artiklu 41.3.4 u qal illi l-attivita' tal-International Endurance Competition saret u kienet ta suċċess qal illi ħadu sehem 37 pajjiz u Marsaskala kienet imsemmija ma pajjizi oħra li kienu qed jikkompetu u jgħatu coverage din l-attivita' hu qal illi r-rebbieħ għamel 24 lap u spiċċa l-ħadd filgħaxija.

**42.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 7 artiklu 41.9.1 u qal illi din il-clean up li fiha ħadu sehem miegħu il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud u l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon kif ukoll xi residenti li ġew biex jgħinu flimkien ma ħaddiem minn tal-Kunsill u ħaddiema ta' kuntrattur ieħor li ħadmu ħafna għal siegħat twil u xtaq jirringrazzjhom kollha u fl-opinjoni tiegħu din kienet l-ikbar clean up li saret u kienet ta' suċċess qal ukoll li kien hemm *boutique hotel mulberries* li kien ġentili bizzejjed li stedinhom għal cafe wara l-clean up u vera apprezzawha u jixtieq li din l-attivita' terġgħa issir anke għaliex ħafna nies espremew ix-xewqa li jipparteċipaw la darba terġgħa issir u jħoss li s-sibt filgħodu kienet aktar aċċessibli għal kulħadd u għandu il-ħsieb li issir għal Novembru biex b'hekk ikomplu jnaddfu l-parti l-oħra tal-Bidni hu qal illi fadlilhom il-boroz u jonqos li nixtru xi ftit ingwanti u jkollna zewġ skips.

**42.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**42.3.1** **<u>SPI/SCI/1/2022 Finanzjament għal zvilupp u titjieb fil-kundizzjonijiet tal-playingfields fil-lokalitajiet f'Malta u Ghawdex (35/4045/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din kienet applikazzjoni li applikajna għaliha u d-Dipartiment infurmana illi irbaħna din l-iskema. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din tkopri l-ispejjez sabiex jinbidel ir-rubber matting ta' Ġnien Antoine Randich u qal illi l-Kunsill ser ikun qed joħroġ 15% tal-ammont li jiġi ta €2,946 u l-kumplament jinħarġu min naħa tad-Dipartiment fejn huma ser jgħatu total ta 85% cioe Eur 16,696.00 pero jinqasmu f'75% bil-quddiem u l-kumplament jingħataw la darba jitlesta l-proġett.

**42.3.2** ***<u>Bdil ta' zewġ bankijiet pubbliċi għall uzu tal-bugħaddasa iz-Zonqor (35/4071/22/I):</u>***

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan huwa sports nazzjonali tal-bugħaddasa li f'Marsaskala fil-ponta taz-Zonqor tgħidx kemm jiġu turisti u bugħadasa min Malta kollha fejn li ġara kien li kien hemm zewġ bankijiet msadda u li kienu waslu biex jinbiddlu li kienu qed jintuzaw biex il-bugħaddasa jinzlu biċ-ċilindru u ċ-ċilindru iserhu fuq il-bank pero kienu baxxi u kollha msadda u għalhekk meta l-bord tal-inwadar staqsewh jekk jaċċettax li jinbidlu dawn z-zewġ banikijiet għad divers min naħa tagħhom hu aċċetta u għalkemm huma fil-konfini tagħna min fejn jinzlu jgħamel mal-inwadar u saru zewġ strutturi pero għadhom mhux lesti ghaliex fuq ser isiru biċ-ċaq u fil-ġenb ser isiru bil-madum Malti u ġew tal-PA u kellmu lilu u saqsewh jekk għandhomx permess biex isiru u infurmawh li iridu japplikaw għal permess u għalhekk qed jitlob il Kunsill sabiex jekk jacettaw napplikaw għal permess u kif jinħareġ il permess ikun jistga jitkompla ix xogħol min naħa tagħhom.

Kien hemm qbil unanimu.

**42.2.3** ***<u>Infrastructure Malta pjan ta' ħidma 2023-2025:</u>***

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill Kunsill illi rċivejna korrispondenza minn Infrastructure Malta fejn infurmawna illi ser ikunu qed jgħatu 9000 metru kwadru ta tranġar ta toroq jew bankini kull sena għall tlett snin u qed jistaqsu lilna sabiex nindikaw liema toroq nixtiequ li jsiru permess ta din l-inizjattiva. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll illi jekk il-Kunsill ikun jista jindika postijiet fejn jistgħu isiru bħala open space dawn isiru apparti ukoll min naħa ta Infrastructure Malta.

It-Toroq indikati huma:

1. Triq l-Iskal kollha minn Ġemmugħal ġewwa.
2. Triq Vajrita, l-parti t'isfel.
3. Triq is-Silla.
4. Triq La Sengle, parti t'isfel.
5. Triq Frans Grech.
6. Triq l-Artillieri.
7. Triq il-Bajja.
8. Triq Santa Marija (isfel).
9. Triq San Nikola (isfel).
10. Triq il-Granmastri.
11. Triq il-Gross
12. Triq Salvu Buhagiar

**42.2.4** **Tizjien tal-Milied fit-toroq ta' Marsaskala (35/4047/22/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kien ilu hafna jikkomunika mas-Sur Kevin Fsadni l-MTA fejn għamel minn kollox biex jagħdilna €5000 flok €3000 umbagħad daħal fiha l-Ministru tat-Turizmu is-Sur Clayton Bartolo u d-Deputat Parlamentari s-Sur Ray Abela wkoll fejn bl-intervent tagħhom aċċettaw li jagħtuna l-fondi għat tizjin tal Milied, fejn il-Ministru Clayton Bartolo anke ikkonferma dan mal Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon li ser ituna €5000

Is-Sindku qal illi ser ikolna s-somma ta €8000 u minkeja li ser inaqsu ċertu toroq ser jizdied aktar dawl fil-pjazza. Ser jinħarġu 3 kwotazzjonijiet u kif tintgħazel waħda bil-budget ta eur8000 ikun jistgħa jsir ix-xogħol.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-fondi li kienu intrebħu għat-tizjin is-sena l-oħra ser jintuzaw din is-sena biex jiġi imzejjen Ġnien Sant Anna.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon għandha ħafna xogħol anke fuq il-Milied Skaliz u tajjeb li jingħaqdu l-Kunsillier sabiex kulħadd jgħati daqqa t'id u informa illi hemm zewġ kundizzjonijiet fil-lista ta' affarijiet li irridu ngħamlu sabiex inkunu skond ir-regoli għal fondi tal-Milied Skalizfejn waħda minnhom hi li ngħamlu risk assesment u l-oħra li jkollna polza tal-assigurazjoni. Inħoloq kumitat fejn daħlu fih tlett Kunsilliera, is-Sinjura Mary Rose Mifsud responsabbli mill-Kultura, is-Sur John Baptist Camilleri responsabbli mill-enerġija kif ukoll is-Sur Charlot Mifsud responsabbli mill-Edukazzjoni u ġonna.

Kien hemm qbil li issir laqgħa mall-Kunslliera interessati biex jitfassal pjan fuq ix-xogħol ta' din l-attivita'.

**42.3.5** **Serbian Language and cultural lessons in Marsaskala (35/3976/22/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ġie infurmat mis-Sinjura Jelena Jablanov Makismovic fejn xtaqet li post fejn tkun tista tagħti sagħtejn lezzjoni l-ġimgħa biex tgħallem lir-residenti Serbjani.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qabel il-Covid kien tkellem fuq inizjattivi fuq id-diversita' u tajjeb li nibdew naħdmu fuqha.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi r-Regjun Nofsinhar għas-sena 2023 hija s-sena tal-Kultura u waħda mill-attivitajiet li ser ngħamlu fis-sajf ħa tkun li fuq is-simenta ser jiġi organizzat event b'kull tip ta' ikel barrani,kostumi eċċ. Diġa saru laqgħat mas-Sinjura Tioffany Abela mir-Reġjun responsabbli mill-Kultura fil-prezenza tal-Kunsillier is-Sinjura Mary rose Mifsud responsabbli mill-Kultura.

Kien hemm qbil li ngħatu permess għal dawn il-lezzjonijiet sagħtejn fil-ġimgħa fit-training centre mingħajr ħlas.

**42.3.6** **Lista ta xogħolijiet u laqgħat mis-Sindku bejn Settembru-Ottubru 2022:**

- Laqgħa mal-Ministru Owen Bonniċi fejn ħabbar illi r-Reġjun ta Nofsinhar intgħazel bħala r-reġjun tal-Kultura għas-sena 2023.
- Konferenza re Coastal Erosion u Climate change ġewwa Waterfront Hotel Gzira flimkien mall-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud għaddew il-punti tagħhom.
- Laqgħa mal-Ministru Stefan Zrinzo fuq il-fondi li għandna nieħdu mid-DPF. L-affarijiet mixjin u l-Perit għaddiet il-karti relattivi li kien hemm bzonn.
- Laqgħa ma tal-armar fuq tizjien tad-dwal tal-Milied.

- Laqgħa ma Christine mill-eletrogas biex jgħinuna fuq manutenzjoni ta xi soft area. Dan bħal ma kien sar fi Ġnien David Vella.
- Laqgħat ma Michelle Muscat fuq event b'risq Pink October. Event (bike ride) beda minn Marsaskala u mar tajjeb ħafna.
- Laqgħa ma Tiffany Abela mir-Reġjun fuq event li ser isir fis-sajf peress li Rfeġjun rebaħ sena kulturali 2023. Tkellem ma Mary rose biex tragħti daqqa f'id. Event multikulturali speċjalment fejn jidħol ikel ilbies tradizjonali u zfin. Data f'Ġunju jew bidu ta' Lulju fuq is-simenta.
- Laqgħa ma David Muscat Wasteserv re smart bins.
- Diskussjonijiet ma Kevin Fsadni re fondi għall tizjien fit-toroq għal zmien il-Milied. Tlabna għal €5000 flok €3000. Il-Ministru ikkonferma bil-miktub l-flus ser jgħaddu. Nistennew biss email min naħa tagħhom.
- Laqgħa oħra importanti mal-President u Segretarju tar-Reġjun ta Nofsinhar fejn applikajna għal skema għad dwal tal-Milied. L-iskema kienet toffri €1500 izda wara talba minn naħa tagħna ser jagħtuna €3000. Hekk issa n-nefqa għat tizjien tad-dawl tal-Milied hija ta' €8000.
- Manutenzjoni fuq l-arblu tal-festa min naħa tar-Reġjun.
- Esebizzjoni ta' preseppji mtellha mill-Kazin tal-Banda fis-sala bejn 7 u 11 ta' Diċembru 2022.
- Diskussjoni mall Kunsillier is-Sur John B Camilleri u s-Sur John Camilleri il-ħaddied biex tinsab soluzzjoni fil-ġnien naħa fejn hawn l-għassa. 8 fanali mkissra bil-logħob tal-ballun. Ser jinqalgħu u ssir guard fejn l-għassa. Isiru dwal mal-ħajt bħal tax-Xatt. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri ser jkellem lin-Nexos.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-esebizzjoni semmietlu biex jestenduha inħabba Milied Skaliz kif ukoll infurmatu illi ser ikun hemm *dolls houses* bit tema tal Milied u iridu jaraw jekk joqgħodux kollha jekk le trid tinstab soluzzjoni.

**42.4** **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

*Mistoqsija mressqa mill-Kunsillier -s-Sur John B Camilleri (025-17-10-2022)*

*''Wara li għamilt xi mozzjonijiet sabiex il-water culverts ta' Triq ix-Xatt jittranġaw, waħda tranġat kif għandu jkun.*

*Nistaqsi*

*1.Ghaliex minflok gradilja tal-ħadid intlew bil-konkos?*
*2. Min iddeċieda li dawn il-kulverts jiġu mizduda u eliminati?*
*3. Minn ħa jerfa r-responsabilita għal dannu li jistgħa jinqala kwaza ta' din l-azzjoni?*
*4. Fejn ħa jmur l-ilma tax-xita issa li dan il-kulverts ġew eliminati?''*

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-ħaddied tal-Kunsill qed jiġbor prezzijiet tal-kulverts sabiex jiġu tranġati.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu kellu l-impressjoni li dawn il-kulverts kienu diġa mbiddlu u kif infurmawh li mhux talli ma tranġawx izda ġew mizdudin.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi li ġara kien li l-ħaddied kien weġġgħa u x-xogħol waqaf kienet ġewwa l-festa u biex jevita l-periklu intefa it-tarmak u mhux konkos għaliex il-ħsieb dejjem kien li jitranġaw u qal illi l-ilma ma zamx minħabba t-tarmak.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi iridu jinbidlu 12-il culvert li ser ikunu ta spiza.

**42.4** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja staqsa lill Kunsillier is-Sur John B Camilleri biex jiċċekja kemm nistgħu nibdlu l-inqas minnhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu ser imur jarhom sew pero dawn ilhom hemm 30 sena iġifieri il-ħadid u l-kurduna spiċċaw ima almenu nagħmlu nofshom waħda ijwa u waħda le sakemm ikollna l-fondi imbagħad nibdlu l-kumplament.

**42.5 Rapporti:**

**42.5.1 Rapport ta' kull kwart Nru 3- Lulju sa Settembru 2022:**

Is-Seretarju Ezekuttiv beda jispjega r-rapport ta' kull kwart.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu tkellem mall-Accountant tal-Kunsill u infurma illi ser nirċievu l-fond tad-DPF. Is-Segretarju s-Sur Josef Grech qal illi meta tinvesti valur kbir bħal dan jkun hemm d-depreciation u l-ewwel sena ħa jkun hemm daqqa kbira.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi bħala spejjez qed nimxu mal-budget.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi ma nistgħux napplikaw għal fondi tal-EU dan għaliex il-mod kif jaħdmu dawn l-iskemi hu li l-Kunsill joħroġ il-fondi qabel ma jdaħħalhom.

**42.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:**

**42.7 Korrispondenza:**

**42.7.1 SPI/SCI/1/2022 Finanzjament għal izvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-playing fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex (35/4012/22/I):**

Dan is-suġġet ġie diskuss.

**42.7.2 Default notice servizzi tal-ġonna (35/3927/22/I)**

Dan is-suġġet ġie diskuss.

**42.7.3 Smart playgrounds proposed site (35/3833/22/I):**

Dan is-suġġett ġie diskuss.

**42.7.4 Pjan ta' ħidma 2023-2025 (35/4021/22/I):**

Dan is-suġġett ġie diskuss.

**42.7.5 Dwal fit-toroq għal zmien il-Milied (35/3962/22/I)**

Dan is-suġġett ġie diskuss.

**42.7.6 Smart waste depot (35/3967/22/0):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi skema oħra li infurmawna biha l-Ministeru tal-Ambjent Enerġija u Intrapriza fejn hu qed jissuġerixxi li jinbidlu l-iskips ta' Pjazza Mifsud Bonnici għaliex dejjem qed jintlew bid domestic waste u qed jofru skips li joqgħodu f'erba metri u fihom hemm erba kontenituri tnejn ta skart organiku u tnejn tal-iskart imħallat din hija smart bin bil-kameras provduti minnhom u din hija smart allura la darba tntela din tibgħat sinjal lilna u aħna nikkuntattjaw il-kollettur biex jiġi mhux ibattal l-iskip izda jibdel il-kontenitur u din għandha taħdem mija fil-mija.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan huwa proġett pilota u dan ser itina €35000 fidejna biex napplikaw għat tender tal-insatallazjoni u l-bins umbgħad ser ituna €90000 biex inħallsu l-kollettur għal sena wara sena jekk dan il-proġett jirnexxi jerġgħu jtuna l-flus.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ġbir ta' skart ser jiġu taħt ir-Reġjun.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din hija apparti għal ġbir tal-iskart tal-ħwienet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi li qed idejqu hi li dan il-proġett pilota ma jmurx mall-proposti li qed jinħarġu mir-Reġjun anke għaliex dawn qed jenfazizzu li l-ħwienet għandhom isibu kuntrattur tagħhom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill mhu ha joħroġ l-ebda finanzi u jekk dan il-proġett ma jaħdimx jerġgħa jieħu l-bins lura.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi la darba il-Kunsill joħroġ tender dawk isiru tal-Kunsill.

Is-Segretarju qal illi jekk għandek ristorant biex inti jkollok permess tal-MTA suppost ittijhom l-isem tal- kuntrattur li ser jiġborlok l-iskart u l-iskop tar-Reġjun hu li l-privat irid iħallas biex ikollu dawn l-affarijiet.

Il-Kunsillier il-Perit John Schembri qal illi jekk tirnexxi dawn id- €90 000 jitħallsu mill-ħwienet.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi tal-ħwienet lanqas riedu jgħatu l-għajnuna minima tagħhom biex ikollhom tizjin tal-Milied fit-triq tagħhom aħseb u ara kemm ser iħallsu dan l-ammont għal ġbir ta' skart.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa x'jimpedi lir-residenti milli juzaw dawn l-iskips.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min juza irid ikollu card apposta.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Ministeru qed jgħatuna l-fondi biex natwaw xi ħaġa li ma taqax taħt ir-responsabilita' tal-Kunsill biex jagħmila u apparti min hekk qed tistona kontra l-policy tar-Reġjun visa a vie il Kunsilli Lokali.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi hi tħoss li l-aħjar ħaġa li ssir hija li nikkomunikaw mal-persuna responsabbli u nistaqsu lilhom jekk dan il-proġett ikunx qed imur kontra id-direttivi tar-Reġjun u jekk huma jafux bil-pjanijiet tar-Reġjun u min hemm inkunu nistgħu niddiskutuha.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi dan il-kuntrattur m'għandux frekwenza meta ser jiġi jbattal l-iskip la darba tkun mimlija jaf ikun darba f'ġimgħa darba kuljum jew aktar min darba kuljum u dawn huma l-affarijiet li trid taħseb qabel.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi hu kellu laqgħa rigward innovative technologies li permess tagħhom il-Kunsill jista jdaħħal uzu ta ċertu affarijiet li huma smart bħal ma huma dawn il-bins u jekk nistaqsu nkunu nistgħu napplikaw għalihom magħhom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi lKunsill diġa għandu din l-offerta u ma jħossx li għandna nmorru għand ħaddieħor.

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri qal illi nsitgħu napplikaw għal smart cameras għal ma dawn il-bins.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn il-bins jiġu bil-kameras diġa.

Kien hemm qbil unanimu li issir laqgħa mall-ministeru sabiex niċċaraw ċertu mistoqsijiet.

**42.7.7** **Skip service (35/3874/22/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din kienet kwistjoni mal-kap tal-iskola u l-ġbir ta skart fejn finalment intlaħaq il-ftehim illi t-Tlieta u l-Ħamis ser jibdew ipoġġu l-iskart fit-tela ta' Monita' filwaqt li s-Sibt ser tibda titħalla l-gate tal-iskola miftuħa sabiex il-kollettur ikun jistgħa jidħol u jiġbor l-iskart.

**42.7.8** **E scooters Micromobility regulations (35/3862/22/I):**

Dan is-suġġett ġie diskuss aktar kmieni.

**42.7.9** **Partnership with the municipality of Obrinik (35/3901/22/I):**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu offerta sabiex il-lokal ta' Marsaskala jissieħeb mal-Muniċipalita ta Obrinik sabiex nitgħamlu fuq il-kultura ta' xulxin pero infurmah illi mhux il-waqt għalina bħalissa.

**42.7.10** **Dwal fit-toroq għal zmien il-Milied (35/3838/22/I):**

Dan is-suġġett ġie diskuss aktar kmieni.

**42.7.11** **Kameras tas-sigurta għal skopijiet ta' moniterag u infurzar (35/3816/22/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech inform lill Kunsill illi rċivejna korrispondenza min naħa tal-ERA fejn lista ta postijiet li potenzjalment huma milquta l-aktar minn depozizzjoni ta' skart illegali.

Kien hemm qbil li nibgħatulhom din il-lista:

Triq il-Granmastri ħdejn is-substation.
Triq tal-Gardiel ħdejn *ir-reeds*.
Triq il-Bidni ħdejn il-Kappella.
Triq ix-Xatt ħdejn il-Knisja.
Triq tal-Buttar k/m Triq Lorry Sant.
Triq Wied iz-Ziju.

**42.8** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:**

**42.8.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq 4201 u staqsa b'liema mod il-Kunsill qed izomm rendikont tal-uzu tal-fuel fil-vetturi tal-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv s-Sur Josef Grech qal illi diffiċli tkun ċert min qed jutilizza l-fuel u l-log book m'għadux jiġi pprezentat il-Kunsill għalkemm anke dan irid jiġi iċċekjat sew.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq il-ħaddiema tal-ETC jekk hux ser jingħataw bonus din is-sena u jekk iva ta xhiex qed jingħataw bonus għaliex il-Kunsill qed jipprova jgħamel ċertu mizuri biex inaqqsu mill-ispejjez imbagħad nispiċċaw ngħatuh f'bonus meta dawn mhux qed insibuhom għall-affarijiet li jkollna bżonn.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi jekk l-Kunsill ma jridx li jingħatalhom bonus ma ntuwulhomx.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi is-sena lohra ħriġna €5800. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm biċċiet minnhom li jaħdmu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ma nistgħux naraw linja dritta u ngħidu li ma jgħamlu xejn pero hawn minnhom li jabbuzaw u l-Kunsill Lokali l-oħra kollha ituwhom dan il-bonus.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi irridu naraw fliema pozizzjoni finanjarja ser inkunu din is-sena.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk ir-raġuni li l-bonus ma jingħatax għax ma tħossux li jistħoqilhom m'għaniex għalfejn ngħidulhom li minħabba l-finanzi.

**42.8.1** Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-importanti li ma ndaħlux aktar ħaddiema u meta jitlaq wieħed ma jidħolx ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi hu jistħi jgħid kemm għandna ħaddiema fil-lokal tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kull ma jsemmi hu dejjem jgħidulu li huma ma jsitgħux jgħamlu dak ix-xogħol.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi huma għandhom set ta xogħolijiet li jistgħu jgħamlu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk niddeċiedu li ntuwhom dan il-bonus min naħa tagħhom irid ikun hemm feedback li jridu jaħdmu.

Kien hemm qbil li jinħoloq bord fejn jevalwaw l-ħaddiema u l-amont ta' bonus li jrid jingħata.

**42.8.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq 4252 staqsa ta' xhiex inhuma.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dan ser jiġi refunded mill-MTA pero dawn huma professional fees tal-Perit.

**42.8.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq 4253 u staqsa jekk dan il-kont huwiex il-preparazzjoni tat-tender.

l-Ssegretarju Ezekuttiv wieġeb li ijwa.

***Il-Kunsillier il-Perit John Schembri ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**42.9** <u>**Mozzjonijiet:**</u>

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**42.10**

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2022 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 19 t'Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| ***IFFIRMAT*** | ***IFFIRMAT*** |
| ______________ | ______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |